NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 32 – IT-TNEJN 13 TA' MEJJU 2013**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joe Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Preżenti kien hemm sitt residenti mill-Magħtab.

**1. IL-FTUĦ TA' MOGĦDIJA BEJN IL-MAGĦTAB U TRIQ QALET MARKU**

1.1.1. Iċ-Chairperson Maryanne Cuomo infurmat li kienet sejħet il-laqgħa b'urġenza wara d-deċiżjoni tal-Kunsill u l-ftuħ tal-mogħdija mill-Gvern Ċentrali mingħajr avviż adegwat. Hija tat informazzjoni fil-qosor tal-fatti kif ġraw.

1.1.2. Is-Sinj. Cuomo imbagħad ipproponiet li tintbagħat ittra lir-residenti ta' BIC biex ikunu infurmati wkoll dwar kif ġara l-każ. Hija talbet lis-Segretarju Eżekuttiv (SE) biex jaqra l-ittra.

1.1.3. Wara li nqrat l-ittra proposta ċ-Chairperson tat l-opportunità lir-residenti tal-Magħtab biex isemmgħu leħinhom.

1.1.4. Is-Sur Alphonse d'Anastasi informa li l-mogħdija kienet ilha snin kbar u saħansitra hemm informazzjoni li kienet teżisti sa minn żmien is-sittinijiet. Huwa kompli li, wara l-maltemp ta' aktar minn teltin sena ilu (tal-1979 u l-1981) il-mogħdija saret kompletament inaċċessibbli.

1.1.5. Intqal ukoll mir-residenti li r-raġuni li jixtiquha miftuħa kienet minħabba l-istat ħażin tat-toroq tal-Magħtab u għaliex wieħed jista' jqassar.

1.1.6. Kien hemm min ippropona wkoll li, biex jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti ta' BIC, il-mogħdija titħalla għall-użu tar-residenti biss. Madanakollu, meta issemma li kien hemm ħafna aktar nies li mhux residenti u li oġġezzjonaw għall-għeluq, sid ta' stalla taż-żwiemel insistiet li kieku jingħataw permess ukoll dawk kollha li jużaw l-istalel.

1.1.7. Il-Kumitat però infurmahom li ma kienx possibli li titħalla għar-residenti biss.

1.1.8. Is-Sur Woods ippropona li tintbagħat komunikazzjoni lil TM li żżommhom responsabbli għal kull inċident sakemm il-mogħdija ma ssirx skont standards ta' safety Ewropej.

1.1.9. F'dan il-ħin is-SE ta wkoll aġġornament ta' kif żviluppaw l-affarijiet nhar il-Ġimgħa 10 ta' Marzu u wkoll qara email li bagħtet TM (Audrey Testaferrata de Noto) il-Ġimgħa fis-13:10. Din kienet tindika li TM ħa azzjoni irrispettivament mid-deċiżjoni tal-Kunsill u li l-mogħdija se tkun miftuħa miż-żewġ naħat u mhux bi prova.

1.1.10. F'dan il-ħin ir-residenti tal-Magħtab irringrazzjaw lill-Kumitat Amministrattiv filwaqt li esprimew li jifhmu li l-Kumitat Amministrattiv għandu obbligu li jaqbeż għall-interess tar-residenti ta' BIC.

1.1.11. F'dan il-ħin il-Kumitat Amministrattiv b'mod unanimu qabel li tintbagħat l-ittra proposta miċ-Chairperson kif ukoll il-komunikazzjoni proposta mis-Sur Woods.

## 2. TMIEM IL-LAQGĦA

2.1.1. Il-laqgħa ntemmet fil-5:50pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |